MINUTI

**Laqgħatal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)**

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24/2020

Il-Ġimgħa, 27 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

24.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru.23/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

24.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

24.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

24.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 23/2020 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba beda billi sellem il-memorja tas-Sur Renald Falzon, s-Sindku ta' Ħal Qormi u bgħat il-kondoljanzi lil familja tiegħu. Il-membri wrew ukoll is-sogħba tagħhom.

24.3.2 Rigward is-sitwazzjoni preżenti tal-Pandemija, s-Sindku nforma lil membri preżenti illi dan il-virus laqgħat sew lir-raħal taż-Żebbuġ. Sostna li ċerta persuni huma mingħajr rispett peress li suppost ikunu kwarantina u tarhom jitlajjaw minn naħħa għal oħra mingħajr il-maskla. Informa ukoll lil membri li l-Kunsill għamel avviż fuq il-medja soċjali biex ifakkar lil pubbliku fl-ilbies tal-maskla. Il-membri qalu wkoll li qed ikun hawn problema bil-maskli mormija fl-art. Qablu li hemm bżonn li min ikun kwarantina l-Awtoritajiet għandhom jiċċekjaw fuq dawn il-persuni. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet sabiex l-Arċipriet jagħmel avviż

f'dan ir-rigward. Il-membri qablu.

24.3.3 Is-Sindku nforma lil preżenti li rċieva ittra minngħand l-Arċipriet sabiex l-Kunsill joffri l-*youth centre* sabiex jintuża biex isiru xi laqgħat darbtejn fil-ġimgħa. Il-membri qablu li jista' jintuża l-post iżda wara li tgħaddi l-pandemija.

24.3.4 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma lil membri preżenti li rċieva ittra oħra minngħand l-Arċipriet għal xiri ta' apparat sabiex jibdew jixxandru *live* l-attivitajiet tal-parroċċa. Il-membri qablu li jinxtraw bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

24.3.5 Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi rċieva ittra minn għand is-Seg. Eżekuttiv fejn talbet sabiex jiġu approvati 101 siegħa sabiex jiġu utilizatti s-sena d-dieħla. Il-membri qablu. Is-Sindku kompla jinforma lil membri illi s-Seg. Eżekuttiv qedgħa taħdem bis-sħiħ sabiex ix-xogħol li tħalla mis-Seg. Eżekuttiv ta' qabel iseħħ. Irringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv tax-xogħol siewi li qed tagħmel u awgura li l-affarijiet jibqgħu mixjin hekk.

24.3.6 Rigward it-tiżjin tat-toroq għal Festi tal-Milied, s-Sindku informa lil membri illi f'Marsalforn ser tiżżejjen Triq Qbajjar, is-siġar ta' fejn l-istage u żewġ arbli mal-Wied. Il-kwotazzjoni mingħand Dstreetlighting għal dan it-tiżjin ser ikun ta' €2242 li jinkludi ukoll l-meter temporanju tad-dawl. Il-membri qablu. Rigward it-tiżjin taż-Żebbuġ it-tiżjin kellu jinxtegħel dik il-lejla stess. Is-Sindku kompla jgħid illi s-sigra tal-Milied li tintrama' fi Pjazza l-Assunta qed jiprova jsib min jarmuha peress li ta' l-armar m'għandhomx biżżejjed persuni biex jarmawha. Il-membri qablu li l-Kunsilliera Sandra Grech għandha tistaqsi lil Noel Castillo jekk l-karru b'*father christmas* imurx kemm Marsalforn kif ukoll iż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li jinxtara ftit ħelu biex jitqassam lit-tfal li jinkitbu. Il-membri qablu.

24.3.7 Is-Sindku informa lil preżenti illi l-maskli li ġew approvati li jiġu ordnati fil-laqgħa preċedenti qedgħin il-Kunsill. Kompla illi 40 minnhom ġew mogħtija lil tal-futbol. Is-Sindku propona li fiż-Żebbuġ l-maskli jitqassmu flimkien mar-rigali tat-tfal f'kull dar mill-Għaqdiet tal-lokalita' mentri għar-residenti ta' Marsalforn dawn għandhom jinġabru mill-Uffiċċju li l-Kunsill għandu

f'Marsalforn. Il-membri qablu ma dan u qablu wkoll li l-Kunsill jitkellem ma l-għaqdiet sabiex iqassmu dawn ir-rigali huma f'isem il-Kunsill.

24.3.8 Rigward il-fondi tad-DPF, is-Sindku nforma lil preżenti illi l-Perit flimkien mal-Kunsill għaddej b'ħafna xogħol sabiex l-Kunsill jiprova jġib 100% tal-fondi. Is-Sindku kompla jgħid li waqt laqgħa tar-Reġjun inqrat ittra mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ fejn intalbet l-approvazzjoni tar-Reġjun sabiex jidħol f'*partnership* mal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jikseb il-100% tal-fondi. Is-Sindku rringrazzja lil sħabu s-Sindki li qablu mat-talba tal-Kunsill. Is-Sur Nicky Saliba kompla jinforma lil membri illi l-wheelchair roundabout u t-tapit ta' taħt din il-bandla taż-Żebbuġ Playing Field ser toħroġ *accelerated tender* peress li hemm ħafna *variation* biex tidħol mal-offerta li diġa hemm. Is-Sindku kompla jgħid li s-CRPD għadhom kif taw l-approvazzjoni tagħhom biex teħel din il-bandla. Rigward il-promenade ta' Triq Santa Marija, s-Sindku nforma lil membri illi qed isir is-*survey* minn *surveyer* li sab l-Perit tal-Kunsill sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jitkompla.

24.3.9 Rigward il-madum tal-lava taż-Żebbuġ PlayingField li qed jitwaħħal mill-PRAX Construction, is-Sindku informa lil membri b'dan il-madum illi m'għandux l-qies kif speċifikat fl-offerta. Wara li l-Kunsill talab il-parir tal-Perit rigward il-kwalita' tal-maduma, l-Perit informa lil Kunsill li l-kwalita' hi aktar superjuri mir-rekwiżiti ta' fuq l-offerta iżda l-Perit ta parir sabiex isiru diskussjonijiet mal-PRAX Construction biex iraħħas il-prezz minħabba l-kobor tal-madum peress li jdumu inqas biex iwaħħluh. Is-Sindku kellu diskussjonijiet mal-PRAX fejn wara inbgħatet emejl ta' kkonferma lil Kunsill li ser jitnaqqsu €8 fuq kull metru kwadru. Is-Sindku kkonferma mal-membri illi ra ftit mill-madum imwaħħal u informa lil membri illi billi fih inqas fili, b'fil ta' 5mm huwa iktar sigur għat-tfal li ser jużawh. Il-membri qablu li għandu jeħel dan il-madum sabiex ikompli għaddej ix-xogħol.

24.3.10 Inġabret kwotazzjoni sabiex issir ix-xibka mal-grawnd ta' l-iskola. Il-kwotazzjoni tammonta għal €4900. Il-membri qablu li għandha ssir.

24.3.11 Is-Sindku rringrazzja lil Ministeru għal Għawdex talli ser jagħti l-fondi lil Kunsill sabiex isir il-*culvert* ta' Triq l-Għażżiela/Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Dan ix-xogħol ser jiġi jiswa' madwar €18,000. Il-Kunsill iffirma l-Kuntratt mal-Ministeru u inħarġet l-offerta li tagħlaq fit-23 ta' Diċembru 2020. Is-Sindku nforma lil membri illi saret struttura ta' l-injam temporanja minħabba l-għaddajjar sabiex in-nies ikunu jistgħu jgħaddu.

24.3.12 Rigward ir-*Residential Road Programme and Innovative Projects for 2021.* Is-Sindku propona li jsiru Triq Santa Marija u Triq il-Qbajjar f'Marsalforn mentri fiż-Żebbuġ isiru Triq Sagħtrija sa fuq Reqqa Point, Triq il-Ponta sa fejn ta' K.Sultana, Triq ta' Ċenċ u Triq Konti għal ta' Gullu. Il-Viċi Sindku talbet biex titniżżel ukoll l-aħħar biċċa tal-parkeġġ ta' Marsalforn iżda ġiet infurmata illi dak ma jaqax taħt il-ġuridizjoni tal-Kunsill. Dott. Cini talbet sabiex xorta ssir talba lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward. Is-Sur Daniel Cordina sostna li għandha tingħata priorita' li ssir Triq Santa Marija, Triq il-Qbajjar u Pjazza Għar Qawqla. Is-Sur Cordina żied jgħid illi għandha ssir ukoll talba biex issir parti minn Triq Manuel Magro peress li din tintuża ħafna minħabba li hemm il-*one ways.* Is-Sur Baskal Saliba talab biex tingibed l-attenzjoni sabiex titranġa l-problema ta' l-ilma jekk tinqala Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

24.3.13 Rigward il-Bord tal-Governanza li l-Kunsill ġie mħarrek għalih biex jidher nhar l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2020 minħabba li ma tranġatx il-parti ta' Triq il-Ponta quddiem [redacted] is-Sindku informa lil preżenti illi s-[redacted] talbet ukoll sabiex isirilha bieb ġdid tal-garaxx minħabba l-ħsara li ġiet ikkawżata, skond l-opinjoni tagħha, minħabba l-fatt li ma tranġatx it-triq. Is-Sindku informa lil membri preżenti illi l-Avukat tal-Kunsill ħejja r-risposta f'dan ir-rigward. Kompla jgħid illi l-Avukat tal-Kunsill u [redacted] u [redacted] kif ukoll s-Seg. Eżekuttiv preżenti Odette Camilleri ser jattendu għal bord. Informa ukoll lil membri illi hu ser iqabbad Avukat personali sabiex jidher għalih peress li din saret kwistjoni personali. Staqsa lil membri min ser jattendi u l-membri qablu li kollha jkunu preżenti. Is-Sur Daniel Cordina iddikjara illi bħala Kunsill m'għandniex skop nifavorixxu lil xi ħadd aktar minn ieħor u li

għandna nifhmu iċ-ċirkostanzi tal-każ.

24.3.14 Rigward il-ħajt ta' Tuttiet li ilu rraportat sena u nofs, is-Sindku qal li ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex marru fuq il-post jaraw ix-xogħol li għandu jsir. Il-Kunsill ġie nfurmat li m'għandux makkinarju adekwat sabiex jagħmluh. Is-Sindku fakkar li dan il-ħajt hu perikoluż ħafna u li hemm arblu jista' jaqa' jekk ikompli iċedi dan il-ħajt. Is-Sur Cordina staqsa min hu responsabbli minn dan il-ħajt. Is-Sindku wieġeb li dan jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Cordina qal li jekk isir dan il-ħajt mill-Kunsill hu diffiċċli li l-Kunsill jirkopra l-finanzi li nefaq. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li x-xogħol isir mill-Kunsill sabiex jitnaqqas il-perikolu u l-Ministeru għal Għawdex iħallsu l-ispejjes. Il-membri qablu li għandha terġa ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

24.3.15 Is-Sindku nforma lil membri li l-ħajt Ħabel it-Twil hu mistenni li jibda' jsir ix-xogħol fuqu mill-Ministeru għal Ghawdex wara Jannar 2021.

24.3.16 Is-Sindku propona li jsiru l-Kalendarji bhas-sena l-oħra. Il-membri qablu li dawn jsiru u jitqassmu flimkien mal-maskli u r-rigali tat-tfal.

24.3.17 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill applika għal iskema ta' għajnuna għal *Outdoor Gym Equipment* għal Qbajjar Promenade.

24.3.18 Is-Sindku informa lil preżenti illi l-Kunsill applika għal skema ta' għajnuna għal Tħawwil ta' siġar f'Żoni Urbani. Il-Kunsill applika għal 30 siġra/arbuxella. Il-Viċi Sindku staqsiet rigward is-siġar taż-Żebbuġ ta' Żebbuġ Road. Is-Sindku nformha ill[redacted] ser jieħu ħsieb li jagħtihom is-sustanzi iżda mhux qabel ftit ġimgħat oħra qabel iwaqqgħu ż-żebbuġ. Żied jgħid ukoll illi s-sigar tal-*playing field* ukoll għandhom bżonn is-sustanzi.

24.3.19 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti rigward l-istat tal-latrina ta' Pjazza l-Assunta fejn informa lil membri illi l-latrina mimlija melħ u ż-żebgħa waqgħet kollha. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha tinġabar stima biex il-ħajt jinkesa bil-madum. Il-membri qablu.

24.3.20 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti illi ġie mqabbad *surveyer* sabiex ilesti *parking management* għal Triq Għar Qawqla u Triq Xagħri. X'ħin jitlesta' dan is-*survey*, il-Kunsill ikun jista' jitlob lil Transport Malta għal approvazzjoni ta' *parking management.* Il-membri qablu.

24.3.21 Is-Sindku informa lil membri tal-Kunsill illi d-*double yellow lines* li ntalbu għal Triq ix-Xtut fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, ma nħarġietx l-approvazzjoni ta' Transport Malta peress li wara li saret *site inspection* mill-*field officers* ta' Transport Malta irriżulta li l-garaxx fejn intalbu għandu għatba u għalhekk mhux jintuża' għall vetturi.

24.3.22 Is-Sindku informa lil preżenti illi wara li intbgħatet ittra lil Transport Malta sabiex il-karozza tal-linja tibda' titla' lejn l-inħawi tal-Ponta, l-Kunsill ġie infurmat illi ma tistax taddi tal-linja peress li l-karozza ma jkollhiex fejn iddur.

24.3.23 Rigward il-ħitan tas-Sagħtrija, s-Sindku nforma lil membri preżenti illi c-*change request* ma' ġietx approvata għalhekk kellha terġa tinħareġ offerta.

24.3.24 Is-Sindku informa lil membri li reġgħu nħarġu dawn l-offerti:-

ZGLC/11/2020 – *Tender for the supply and installation of decorative luminaries in Triq Ghar Qawla Marsalforn (re-issue)*
ZGLC/12/2020 – *Tender for the supply and installation of decorative luminaries in Triq il-Wied, Marsalforn (re-issue)*
ZGLC/13/2020 – *Tender for the supply and installation of decorative luminaries in Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn (re-issue)*
ZGLC/14/2020- *Tender for the supply and installation of decorative luminaries in Triq Santa Marija, Marsalforn (re-issue)*
*ZGLC/16/2020 – Works tender for the restoration of rubble walls at Triq tas-Saghtrija, Zebbug, Gozo (re-issue)*

Inħarġet ukoll offerta ġdida:

ZGLC/15/2020 – *Tender for the construction of a storm water*

*culvert at Triq Madonna tac-Ciccri, Zebbug, Gozo*

24.3.25 Is-Sindku nforma lil membri li reġġħet ġiet imġedda l-polza t'assigurazzjoni tas-saħħa għal impjegati u membri tal-Kunsill.

24.3.26 Rigward PA/07001/20 il-Kunsill ħalla d-deċiżjoni għal adjudikazzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jimxi ma kulħadd l-istess u joqgħod għad-deċiżjoni ta' l-Awotorita' ta' l-Ippjanar.

24.3.27 Is-Sindku informa lil membri li r-Reġjun ser ifassal l-offerta għas-servizz ta' *preventive and routine maintenance* ta' l-*istreet lighting.* Is-Sindku qal li din hi offerta waħda għar-Reġjun kollu u propona li l-lampi maħruqin jitranġaw fil-għaxija sabiex ikun ċert li tranġaw. Il-Viċi Sindku qalet illi l-Kunsill xorta ser jibqa' bl-istess problema fuq it-tiswija tad-dwal jekk il-Kuntrattur ikollu r-Reġjun kollu.

24.3.28 Is-Sindku informa lil membri tal-Kunsill illi r-Reġjun t'Għawdex qed jipprova jiġbor fondi mill-Gvern Ċentrali sabiex ikunu jistgħu jiġu irekordjati l-*live streaming* tal-laqgħat. Is-Sindku fakkar lil membri illi l-Kunsill għandu kollox ippreparat sabiex jiġu rrekordjati dawn il-laqgħat.

24.3.29 Il-Kunsillier Baskal Saliba talab lis-Sindku sabiex tingħata l-approvazzjoni tiegħu biex imorru għal item ta' l-Agenda; Korrispondenza/Suġġerimenti mill-Membri peress li kellu impenji oħra u kellu bżonn jitlaq' mill-laqgħa. Is-Sindku ta l-approvazzjoni tiegħu. Il-Kunsillier Saliba talab sabiex isiru *double yellow lines* mal-ġnub ta' garaxx fi Triq Żaqi. Il-membri qablu li għandha tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sur Saliba rringrazzja lil membri, skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fis-6.30pm.

## 24.4 Rapport Finanzjarju ta' Tlett Xhur: Lulju 2020 – Settembru 2020

24.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport Finanzjarju li ġie mħejji mill-*accountant* tal-Kunsill. Dan ir-rapport intbghat minn qabel lil membri. Il-membri qablu mar-rapport u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dokument A.

## 24.5 Inventarju tal-Kunsill (Fixed Assets Valuation)

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil preżenti li għandu bżonn jiġi *updated* l-inventarju peress li hemm ħafna apparat elettroniku li m'għadux tajjeb u jrid jintrema'. Il-membri qablu li għandha tintbgħat il-lista lil *accountant* u jiġi *updated.*

## 24.6 Laqgħa tal-Lokalita'

24.6.1 Is-Sindku propona li għandna ninfurmaw lir-residenti b'din il-laqgħa u nitolbuhom jinfurmaw lil Kunsill min jixtieq jattendi, dan sabiex jekk il-Kunsill jara li ser ikun hemm konkorrenza jinstab post akbar u dan sabiex tkun tista' tinżamm id-distanza soċjali. Il-membri qablu.

## 24.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.7.1 <u>*Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:*</u>

i. Sabiex il-kolonni ta' l-ewwel parti tat-triq fi Triq Għajn Mhelhel jiġu miksija u jinżebgħu. Il-membri qablu.

ii. Sabiex isir *patching* fi Triq l-Għażżiela int u ħiereġ għal Triq Għajn Mħelhel. Il-membri qablu.

iii. Staqsiet rigward l-applikazzjoni għad-*disabled parking* fi Triq il-Lampuka. Is-Sindku informha illi dan il-parkeġġ ġie approvat minn Transport Malta.

iv. Talbet lis-Seg. Eżekuttiv tiċċekja x'kien ġara fuq l-applikazzjoni mis-Seg. Eżekuttiv preċedenti rigward l-un/loading ta' quddiem Jessica's Delights f'Marsalforn.

v. Talbet *update* lis-Seg. Eżekuttiv rigward il-*belisha lights* ta' fuq iz-*zebra crossing* ta' Triq il-Qbajjar u ir-*refreshing paint* taħha. Is-Seg. Eżekuttiva infurmata li ntbgħatet korrispondenza lil Ministeru għal Għawdex għal dawn id-dwal mentri li [redacted] mit-Taqsima tat-Toroq infurmha li ser terġa

tinżebgħ.

vi. Issuġġeriet sabiex għal Milied 2020 inħeġġu lir-residenti sabiex jagħtu d-demm nhar l-20 ta' Diċembru 2020 fil-Berġa tax-Xewkija mit-8.00am sas-1.00pm. Il-membri qablu.

vii. Staqsiet x'kontijiet pendenti għad baqa apparti dawk li hemm indikati fl-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku informha illi għad baqa' biss il-kont tal-*patching* li għandu jintbgħat mir-Road Construction u jibda' jitħallas ftit ftit.

viii. Infurmat lil membri rigward il-laqgħa li kellha rigward is-*Social Integration f'Marsalforn.* Infurmat li ġew diskussi n-nazzjonalitajiet differenti li jgħixu ġewwa Marsalforn. Il-lista ta' nazzjonalitajiet ġabritha mill-Iskola Primarja u għaddietha lil FSWS flimkien ma lista' ta' problemi li niffaċċjaw ġewwa Marsalforn relatati mal-barranin. Kompliet tgħid illi tinsab f'kuntatt ma Dr Robert Tabone fil-Local Government Dept fejn ser jikkomunika ma diversi Kunsilli Lokali f'Malta li għandhom numru sostanzjali ta' residenti barranin jgħixu fihom sabiex jgħaddulna l-*good practices* li huma addottaw fil-lokalita' tagħhom. Permezz ta' dan id-djalogu l-Kunsill ser jkun qed jibni pont ta' komunikazzjoni soċjali bejn l-Għawdxin u persuni ta' nazzjonalita' differenti. Is-Sindku wera' l-biża tiegħu li Marsalforn jispiċċa b'xi kumitat b'dawn in-nazzjonalitajiet u jibdew jingħaqdu l-*gangs*. Il-Viċi Sindku sostniet li b'dawn il-laqgħat ser jinbnew pontijiet iżda mhux ser jikmandaw huma u fil-laqgħa li jmiss tal-Integration Unit s-Sindku għandu jqajjem dawn il-punti.

24.7.2 <u>*Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*</u>

i. Propona sabiex is-siġar taż-Żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ jinżabru u [redacted] l-ħaddiem tal-Kunsill inadaffhom u jingħataw is-sustanzi meħtieġa. Il-membri qablu.

ii. Irringrazzja lis-Seg. Eżekuttiv li ħadet ħsieb li jsiru d-*double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Għajn Mhelhel u talab sabiex isiru wkoll id-*double yellow lines* faċċata u jeħlu t-tabelli meħtieġa. Il-membri qablu.

iii. Issuġerixxa sabiex issir talba lil Transport Malta sabiex jagħtu gwida lil Kunsill ta' x'jista' jsir peress li fi Triq Għajn Mhelhel qedgħin itellqu l-karozzi. Appella lil kulħadd sabiex jibża għal ħajtu. Il-membri qablu li tintalab linja gwida lil Transport Malta.

iv. Talab sabiex tinqata' is-siġra tal-bruka li hemm fuq l-Otters. Din qed tostakola l-passaġġ. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lil Perit x'hemm bzonn isir biex tinqala'.

24.7.3 <u>*Il-Kunsilliera, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*</u>

i. Talbet sabiex il-LESA jieħdu azzjoni fuq iż-żibel li qed jinħareġ bl-addoċċ kulimkien u wara l-ħin li jgħaddi t-trakk. Kompliet tgħid illi għandha tintbgħat ittra lil Housing Authority li qed jikru blokka appartamenti fi Triq il-Qbajjar sabiex jinfurmaw lir-residenti biex joħoġu ż-żibel skond l-iskeda tal-Kunsill. Issuġġeriet ukoll li min qed jikri għandu jeħel penali jekk ma jimxix skond l-iskeda tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssuġġerit li l-Kunsill għandu jara min hu sid il-komun u ninfurmawh. Is-Sur Cordina ssuġġerixxa li nibgħatu ittra lil kulħadd sabiex infakkruhom fl-iskeda. Il-membri qablu.

ii. Issuġġeriet sabiex isir *cat shelter* għal qtates fil-Wied ta' Marsalforn bħal ma għamlu Kunsilli oħrajn. Is-Sindku infurmha li l-madwar tal-Wied ta' Marsalforn hu privat. Il-Viċi Sindku proponiet li dan il-*cat shelter* jsir fejn il-*vending machine* li hemm fil-parkeġġ. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru kkonċernat.

iii. Issuġġeriet ukoll li ssir *area* fi Ġnien il-familja għat-tfal bl-Autiżmu. Il-membri qablu li għandna nieħdu l-parir ta' l-Għaqda ta' l-Autiżmu.

iv. Talbet sabiex isiru *bollards* fejn il-Kartell.

v. Proponiet li l-Kunsill għandu jagħmel ir-rapporti neċessarji sabiex jitneħħa malajr kemm jista' jkun l-iscaffolding li hemm ma binja kbira fi Triq il-Qbajjar peress li barra li qed ikerraħ qed ikun ta' perikolu għax qed jaqgħu xi biċċiet minnu. Il-Viċi Sindku qalet li billi dan hu tal-privat, il-Kunsill jinsab b'idejh marbuta. Il-membri

qablu li l-Kunsill għandu jinforma b'dan lil *Building Regulations Unit.*

vi. Infurmat lil membri li [redacted] jixtieq jagħmel xi fanali u bankijiet fejn il-blokka ta' appartamenti li bena fil-Bajja tal-Qbajjar sabiex isebbaħ l-inħawi. Kompliet tgħid li dan lest li jħallas kollox minn butu. Il-membri qablu li qabel ma jwaħħal xi ħaġa fit-triq għandu jibgħat pjanta u ritratti ta' l-għamara tat-triq li ser teħel għal approvazzjoni tal-Kunsill.

**24.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti**

24.8.1 Korrispondenza minngħand residenti li tgħix fi Triq in-Naħla, Marsalforn fejn infurmat li hemm parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilita' li m'għadux jintuża peress li l-presuna li kienet tużah m'għadiex toqgħod hemm. Il-membri ma qablux li dan jitneħħa peress li il-parkeġġi riservati għal persuni b'diżabilita' jistgħu jintużaw mill-persuni b'diżabilita' kollha.

24.8.2 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ittra ta' permess għal *mobile kiosk* fil-bajja tax-Xwejni. Il-membri nnotaw il-kontenut.

24.8.3 Korrispondenza mis-[redacted] fejn talab biex tinqala l-bozza peress li ser iwaqqa' l-binja. Il-Kunsill talab il-permess tar-residenti li joqgħodu fuq kull naħa tal-binja li trid titwaqqa' iżda l-Kunsill ma ingħatax permess biex teħel provviżarjament ma tagħhom. Il-membri qablu li tinqala u tingabar.

24.8.4 Korrispondenza mill-Ministeru għal Edukazzjoni u x-xogħol għal parteċipazzjoni fi *Projects for Schools: Celebrating our locality's spokesperson.* Ġie innominat is-Sur Baskal Saliba billi hu *goalkeeper* maż-Żebbuġ Rovers.

24.8.5 Sabiex ikun hemm servizz komplut fl-Uffiċċju tal-Kunsill f'Marsalforn u biex ikunu jistgħu jingħataw is-servizzi kollha li jingħataw mill-uffiċċju tal-Kunsill fiż-Żebbuġ, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li jinħtieġ li tiddaħħal s-sistema tan-network tal-Gvern li biex jiġu nstallati l-Kunsill irid iħallas €500 għal darba waqt li fis-sena jitħallsu €1,100 bħal ma jitħallsu għal uffiċċju taż-

Żebbuġ. Il-membri qablu.

24.8.6 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-awdituri għal din is-sena ser ikunu l-RSM.

24.8.7 Korrispondenza minngħand [redacted] rigward l-ħsejjes tas-*substation* fi Triq Dun Karm Cachia. Il-membri qablu li għandu jerġa jsir ilment l-Enemalta.

24.8.8 Ilment Nru. 97/2020
Talba għal *disabled parking* quddiem is-Sorijiet tal-Karita' fi Triq Għar Qawqla. Il-membri qablu li għandha tintbgħat għal approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.9 Ilment Nru. 98/2020
Talba sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq Għajn Mhelhel fejn Triq ta' Tuttiet. Il-membri qablu.

24.8.10 IlmentNru. 99/2020
Talba sabiex isiru *double yellow lines* fuq kull naħħa tal-garage tar-residenza tiegħu [redacted], Triq il-Mungbell, Marsalforn. Il-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

24.8.11 Ilment Nru.100/2020
Ilment mis-*supervisor* tal-latrina pubblika tax-Xwejni fejn ilmentat li qed jinsterqu l-affarijiet mill-latrina.

24.8.12 Ilment Nru. 101/2020
Talba sabiex titranġa Triq ta' Ċikku n-naħħa tad-daħla taċ-ċentru peress li tkissret u diffiċċli biex tgħaddi bil-karozza. Il-membri qablu li din għandha titranġa.

24.8.13 Ilment Nru. 102/2020
Talba biex isiru *keep clear lines* ħdejn it-taraġ ta' Triq il-Luzzu peress li qed jipparkjaw il-karozzi quddiem it-taraġ. Is-Sindku propona li l-ewwel għandha ssir spezzjoni fuq il-post. Il-membri qablu.

24.8.14 Ilment Nru. 103/2020

Sabiex isiru tabelli *concealed exit* fi Triq ir-Rabat, waħda fejn il-*pumping station* u l-oħra 'l fuq minn ta' Mena. Il-membri qablu li l-ewwel għandhom jistennew jinbeda' x-xogħol.

**24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

24.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 17/2020 għall-perjodu bejn 24 t'Ottubru u s-26 ta' Novembru 2020 li tammonta għal €100,517.53 ġiet approvata u ffirmata.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7.20 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv